

Teatru Salesjan ~ Sliema

# *Il-Lunetta*

Waqt li Dun Antonio Urso kien imur jagħmel xi priedki fil-Knisja ta' San Franġisk il-belt Valletta, huwa kien jammira ix-xogħol professjonali li kien qiegħed jagħmel hemm il-pittur famuż, il-Professur Ġuże' Cali. Waqt diskursata flimkien, Cali ħarbex sketch tal-Lunetta (din tissejjaħ hekk għax għandha sura ta' qamar meta jkun fin-nofs tal-mixja tiegħu u ma jkunx sħiħ) li tidher prominenti fuq il-purtiera tal-palk tagħna, u għamel dawn is-suġġerimenti li wara saru realta:

"Fin-nofs tal-lunetta nixtieq nara xbiha ta' mara qiesha xi Sultana b'għajnejha lejn is-sema. Din trid turi l-***FIDI***, it-twemmin f'Alla, b'idejha miftuħa donna tixtieq tħaddan lil kulħadd, tistieden għal twemmin wieħed".

"Fuq in-naħa tax-xellug tagħha nagħmlu mara oħra b'rasha l-isfel, b'miżien f'idha x-xellugija u warda tas-susan fil-leminija. Din trid tfisser l-***ONESTA'***, li kollox tagħmel bil-qis. Hi tkun qegħda bħal tqim lis-Sultana, is-simbolu tal-fidi, għax minnha din l-onesta tieħu l-qawwa tagħha".

"Imbagħad ħdejn din il-mara nagħmlu mara oħra b'tifel imqabbad magħha għall-kenn waqt li jkun qiegħed jaħrab beżgħan minn lifgħa li hija xbieha tal-ħażen li ħiereġ minn ktieb, il-kitba ta xi xogħolijiet li jistgħu jitellgħu fit-teatru. Din il-mara trid tfisser il-***MORALI***, jiġifieri l-għarfien tal-għażla tat-tajjeb mill-ħażin f'egħmil il-bniedem".

"Nixtieq inpitter mara oħra, qallu Cali, din id-darba fuq il-lemin tas-Sultana, tħares il-bogħod qiesha mħassba b'idha fuq id-dinja u kull ma fiha. Din tfisser ix-xjenza, l-***GĦERF*** li bih il-bniedem imdawwal mill-fidi, għax l-għaref li ma jagħrafx l-Alla li hu l-Bidu ta' kollox, ma hu għaref xejn".

Dun Urso faħħar lill-Professur Cali ta' l-idejat tiegħu u bassarlu li kien ser jagħmel kapulavur, biċċa xogħol tal-arti kbira, denja għat-teatru tagħna. "Min jaf kieku nagħmlu raġel xwejjaħ u tifel jitliegħeb ma lħitu. Dawn it-tnejn iridu jagħtu dehra ta' ***TJUBIJA***, ta' ħlewwa li ġejja miż-żewġ naħat. Tjubija li trid tintwera kemm mix-xiħ, li jaf jgħader u jgħallem liż-żgħir li minn naħa tiegħu jqim b'imħabba li tqarrbu għal kollox lejn il-kbir, l-imbarrab, ix-xiħ".

Din il-pittura giet mikxufa nhar l-20 ta' Novembru 1910 minn Dun Allegra li kien ħa post Dun Urso.

Minbarra l-pittura hemm xogħol tal-ġibs li nħadem minn speċjalista f'dan ix-xogħol, li kien kunjomu Cardona.

# *Ix-Xena*

Il-purtiera oriġinali tal-palk kienet ix-xena ta xini ssalpa l-barra minn port. Dun Urso kien qal dwar din ix-xena: "L-aħwa, ejjew insalpaw u nifirdu l-oċejani, fuq il-mewġ naslu għal kull lingwa, għal kull ħsieb, għal kull emozzjoni. Ngħajjtu fuq l-ibħra, filwaqt li nistiednu lil dawk li huma l-bogħod. L-aħwa, ningħaqdu lkoll flimkien u nsalpaw".

Ħadd ma jaf x'sar minnha dik il-purtiera oriġinali iżda huwa mifhum li s-Salesjan Bro. Carmelo Galea kien jgħid li din kienet inħarqet fi ħruq li kien hemm fuq il-palk. Xi sittin sena ilu xi membri tal-palk ta' dak iż-żmien kienu ħadmu l-purtiera l-ħamra li għada hemm sal-lum. Għal ħabta tas-sena 2000 reġgħet ġiet impittra l-purtiera bix-xena oriġinali li qedha titniżżel fil-bidu ta' kull rapprezentazzjoni, meta tintuża l-purtiera l-ħamra.

# Il-Purtiera tal-Palk tat-Teatru tas-Salesjani

minn Joe Busuttil

Fis-sena 1943 nibtet l-idea ta' purtiera ġdida tal-bellus għat-Teatru tas-Salesjani biex tieħu post is-separju magħruf bħala 'Ad Fratres' li kien ilu jintuża sa mill-inawgurazzjoni tal-Juventutis Domus fis-7 ta' Mejju tas-sena 1908. Ir-raġuni għal dan it-tibdil kienet il-ħtiega li nħasset biex it-Teatru jieħu dehra oħra skond iż-żmienijiet u fl-istess waqt titwarrab il-problema li ta' spiss kienet tinqala fit-tlugħ u l-inżul tas-separju.

Ic-'Circolo Don Bosco' kienet l-Għaqda għall-membri tal-Juventutis Domus. F'waħda mill-laqgħat tal-kumitat, barra li kien qed jiġi msawwar programm għall-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Ġużepp Borg li kienet ser issir fil-Kappella ta' l-Oratorju wara li kien ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' l-Imdina fl-Ewwel ta' Awwissu 1943, intlaqet ukoll proposta minn xi atturi anzjani biex flok is-separju ssir purtiera tal-bellus kif wieħed jara f'teatri kbar. Għal dan il-għan kienu ħafna mill-membri li taw is-sehem tagħhom biex inġabru l-flus meħtiega biex din il-purtiera ssir. Toninu Debattista li għamel snin twal segretarju ta' l-Għaqda ha ħsieb biex jorganizza l-proġett.

Fi tmiem il-laqgħa Bro. Karm Galea (Kudjatur Salesjan u li konna nsejħulu s-Sur Galea) resaq fuqi biex ngħidlu jekk nistax nirrikmanda lil xi ħajjat tajjeb u niffrankaw il-flus ukoll. Tagħni x'naħseb li billi kien jaf li missieri kien ħajjat ta' esperjenza u f'Tas-Sliema kienu ħafna li jafuh għall-mistier tiegħu, kien ser jitolbu biex jieħu f'idejh dan ix-xogħol tal-purtiera. Jien kont żgur li missieri ma kienx ser jaċċetta għax minbarra l-ħwienet għall-pajzana kellu wkoll il-kuntratti tal-ħjata tal-militar.

Intant kien hawn li jiena offrejt li nieħu l-inkarigu u tlabt biex ikolli f'idejja l-materjal kollu meħtieg biex nibda x-xogħol kmieni kemm jista jkun. Dak kien iż-żmien meta jiena kien għad għandi 18-il sena u kont impjegat mas-servizzi navali u l-ħjata kienet biss delizzju għalija.

Bro Galea kien xi ftit jew wisq xettiku jekk kellix niġi avdat għal biċċa xogħol hekk kbira. Il-biża tiegħu kienet jekk qatt f'xi waqt inħassar id-drapp tal-bellus li kien ser iqum ħafna flus. Kien ukoll tkellem ma missieri biex ikun jaf sa fejn twassal il-kapaċita' tiegħi. Missieri minn naħa tiegħu tah il-kelma fil-preżenza ta' Alfred Pullicino u Oreste Vassallo li kien ser jagħmel tajjeb għal xi nuqqas li seta jinqalgħa. Fl-laqgħa li kienet saret għall-membri kollha fit-Teatru, u li għaliha konna numru kbir preżenti, kienu saru għadd ta' suġġerimenti siewja dwar ix-xiri tal-materjal u l-ġbir ta' flus għall-ispejjeż. Il-flus kollha nġabru f'qasir żmien mhux biss minn fost il-membri taċ-Circolo Don Bosco iżda wkoll minn ħafna ħbieb li kienu jattendu t-Teatru regolarment. Kull min seta offra £1.2s.6d (Lm1.125).

Id-drapp inxtara mid-Ditta Camilleri (Paris Mode) ta' Triq il-Merkanti l-Belt Valletta. Minn għand il-Militar, bil-permess tal-Kap Kmandant tar-Royal Ordinance Corp, Guzeppi Cordina, li kien ġie mistieden għal waħda mill-attivitajiet tas-Salesian Boys' Brigade, rnexxilu jakkwista tliet tined biex il-kanvas tagħhom jintuza bħala nforra tal-purtiera. Is-Sinjorina Ġuza Aquilina ipprovdiet il-ħarir għal erba' pavaljuni filwaqt li Dun Ġuzepp Borg ipprovda l-frenza li tgħaqqadhom. Ġuzeppi Cordina kien attiv ukoll fl-Għaqda San Ġuzepp li kien jieħu ħsieba Robbie Farrugia.

Carmelo Borg Debono, pittur ta' klassi, ħalla ħafna xogħolijiet tiegħu li bihom sebbaħ il-palk tas-Salesjani. Pitter il-pavaljuni u l-istrixxi koħol tas-satin kemm tal-purtiera kif ukoll taċ-ċellin. Xogħol ieħor tiegħu kien fuq il-bellus ta' fuq is-suġġiera bl-inizjali S.G. u t-tapit tul ir-ribalta. Għamel ukoll xogħol bl-arkett ta' l-inizjali S.G. (San Ginesju - li kien l-isem tal-kumpannija teatrali tas-Salesjani) li tinsab fin-nofs taċ-ċellin il-fuq mill-purtiera.

Bdejt inħejt il-purtiera għall-aħħar ta' Ġunju 1944, sitt snin wara li bdejt niffrikwenta l-Oratorju (13 ta' Lulju 1938) u nieħu sehem attiv kemm fuq il-palk kif ukoll fis-Salesian

# Klip Art

Stationery and Gift shop

tel/fax: 21313595

*Also*

*Photocopy Service*
*Binding*
*Film Developing*
*Greeting Cards & Souvenirs*
*Books, Gifts & Toys*
*Unitel, Easyline, Mobile Cards*
*Haberdashery*
*Cold Drinks, etc.*

124, Blanche Huber Street, Sliema

BIO ACTIVE CARE

BY MINERAL CARE




It's never too late or too early to change your skin's destiny.

Distributed by Peach & Sorrel Ltd.
35, Manwel Dimech Street. Sliema
Tel: 2131 8477
email: peach.sorrel@onval.net




- One hour Developing & Printing
- Digital photo printing from all media
- Enlargements to any size
- Passport photos in few minutes
- Colour and B&W photocopy service ( direct digital printing from any media )
- Images from negatives and other media scanned & saved on CD / DVD
- All kinds of manipulations, art works, mourning bookmarks, business cards, personalised greeting cards
- Professional studio photography

...............AND MUCH MORE

PHOTOCITY

info@photocityonline.com www.photocityonline.com

27, South Street, Valletta. VLT 11 - Tel / Fax:+356 2123 6723

Boys' Brigade. Kif spiċċa l-istaġun teatrali ta' dik is-sena twarrbu s-siġġijiet tal-ħadid mill-plateja biex setgħa jkun hemm il-wisa kollhu biex inkun nista naħdem u nifrex ix-xogħol ma' l-art u nara dejjem li nkun qed naqbel mal-qisien. Għax-xogħol tal-ħjata nqdejt b'magna li kienet tintuża mill-ħaddiema ta' missieri biex fuqha jiksu bil-khaki l-elmijiet tas-sufra li kienu jintużaw mis-suldati fis-sajf. Minbarra x-xogħol fuq il-magna sar ħafna xogħol bl-idejn peress li x-xogħol fuq il-bellus huwa xi ftit jew wisq dellikat.

Meta l-ewwel nofs tal-purtiera kien komplut minn kollox u ddendel fil-post kont sodisfatt li kollox ġie kif kellu jkun. Meta lestejt in-nofs l-ieħor jiena ma kontx preżenti meta ġie mdendell pero' stennejt li jkun hemm xi varjazzjoni fit-tul tal-purtiera meta jistrieħ il-materjal. Meta l-għada mort fit-Teatru fil-fatt sibt dak li kont stennejt għax ried jitqassar daqs nofs pulzier biex il-faxxa tas-satin li hemm fuq il-purtiera tiġi indaqs. Kien ta' sodisfazzjon għalija li sibt jilqawni bi kliem ta' apprezzament lil Dun Karm Fenech, Dun Ġwann De Giorgio u Bro Karm Galea flimkien ma xi membri oħra attivi li kienu jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma tal-palk.

Persuna oħra li tibqa mfakkra għall-kontribut siewi tagħha huwa Angelo Camilleri li ħadem ir-roti tal-bronz bil-joints tar-ramm aħmar biex jilqgħu għall-piż tqil tal-purtiera u biex iċ-ċaqliq tagħha jkun b'ħeffa fuq it-travett. Xogħol magħmul b'ċerta preċiżjoni kif titlob is-sengħa ta' fitter li għaliha Camilleri kien magħruf sewwa fit-Tarzna Navali ta' Malta.

Li ma niftakarx huma l-ismijiet taż-żewġ bennejja u l-perit inkarigat li waħħlu t-travett mal-arkitrav fuq wara l-faċċata tal-palk, xogħol li kien sar il-Ħadd filgħodu b'ċerta eżattezza biex ma jkunx hemm l-iċken moviment fuq il-faċċata. Is-separju Ad Fratres li kien qed jintuża qabel ma twaħħlet il-purtiera ġie mdendel fuq wara nett tax-xenarju u niftakar li darba kien intuża waqt gara katekistika.

Il-Ħadd 22 ta' Ottubru 1944 fl-erba' ta' wara nofs-in-nhar il-purtiera l-ġdida kienet tbierket mill-Isqof Mons. Emmanuel Galea u nfetħet għall-ewwel darba fill-ftuħ ta' l-istaġun teatrali bid-dramm 'Ward ta' l-Orjent' kitba ta' Bro Karm Galea. F'dan id-dramm minbarra li ħadt parti prinċipali kelli sehem sewwa wkoll fil-ħjata tal-vestwarju li ntuża. Dak in-nhar għall-okkażjoni kienet ħadet sehem ukoll l-orkestra Strauss (tas-Salesjani) taħt it-tmexxija tas-surmast tagħha Alberto Manche'.



Stella Maris
quality products

Meat and Poultry Market




95, High Street, Sliema SLM 16 • Tel: 21313892 • Fax: 21467432
E-mail: stelmar@maltanet.net

*We proudly serve the best selection of:*

Maltese fresh baby Beef and Veal, Pork, Lamb and frozen meat, our own roasting Chickens and Rabbits

*Our speciality:*

Sausages and home made burgers

Sports Collection

**Hats, Trainers, Swimwear, Tracksuits, Jackets & Various Sports Wear**

**Depiro Street, Sliema**
**Tel: 21333882**

STYLE COLLECTION



**UNISEX HAIR STYLIST**

Depiro Street

Sliema

Tel: 2131 3371

# Mid-Djarju ta' l-Atturi Salesjani - Sliema

## Staġuni Teatrali 1977 - 2006

| Titlu | Awtur | Traduzzjoni jew Adattament | Data |
|---|---|---|---|
| | | | **1977** |
| **Il-Passjoni ta' Sidna :esu Kristu** | Bro. Carmelo Galea sdb | | Mar 26/27 April 2/3 |
| **Arbli Fuq il-Bjut** | Prof. J. Aquilina | | Ott. 21/23 |
| | | | **1978** |
| **Il-Kerrejja** | Ġużè Chetcuti | Charles Attard | Apr. 8/9 |
| **Ahjar li kont mejjet** | Aldo de Benedetti | Charles Attard | Mar 5 |
| **L-Ewwel Jien** | Ġużè Diacono | | Ott. 22 |
| **Żewġt Iltiema** | A.D. Dennery | Charles Attard | Diċ. 10/17 |
| | | | **1979** |
| **Il-Kandidat** | Carmelo Ciantar | | Frar 25 |
| **Ben Hur** | Lew Wallace | Charles Attard | Apr. 7/8 |
| **Madame X** | Alexander Bisson u J.W. Mc Canaughty | Charles Attard | Nov. 17/18 |
| | | | **1980** |
| **Rajt Moska Tiħmar** | Lino Ferris | | Frar 23/24 |
| **Żwieġ bil-Bolli** | G. Moliere | C. Galea | Apr. 12/13 |
| **Tosca** | Victorian Sardou | Charles Attard | Diċ. 6/7/14 |
| | | | **1981** |
| **Tabib jew Skarpan** | G. Moliere | Paul Vella | Frar 21/22 |
| **Wara l-Ħitan tal-Kunvent** | C. Borg | | Apr. 11/12 |
| **Il-Burraxxka** | Nikol Biancardi | Charles Izzo | Nov. 8/15 |
| | | | **1982** |
| **Fuq is-Swar, 1942** | Lino Ferris | | Jan. 16/17 |
| **Iz-Zewg Surgenti** | | | April |
| **Qlub Mifruda** | John Frendo | | Nov. 6/7 |
| | | | **1983** |
| **Riħa fuq is-Sur Xriħa** | Fr. W. Born | | Mar. 26/27 |
| **Ix-Xewwiex minn Nazareth** | J. Drinkwater | Louis Azzopardi | Apr. 5/6 |
| **Ix-Xhud tal-Prosekuzzjoni** | Agatha Christie | Charles Attard | Nov. 19/20 |
| **Tliett Anġli** | | Frank Ganado | Diċ. 10/11 |

We accept orders for **Weddings** and other occasions

Fantastic price reductions on bulk orders




Special Offers and Gift Hampers available all year round

WINES FROM:
*Malta*
*Italy*
*Sicily*
*Spain*
*France*
*Germany*
*Lebanon*
*South Africa*
*Chile*
*Argentina*
*Thailand*
*Australia*
*and more...*

**Telephone - 21331911 Mobile - 99866588**
**xtras@maltanet.net**
**135, Manwel Dimech Street, Sliema**

# SHANELTY

*Shanelty Ltd. manages Rapid Services, an office supply services company and the Sweet box, a Confectionery shop*

email: shanelty@waldonet.net.mt
111/113, Manwel Dimech Street,
Sliema SLM 14, Malta
Tel: 00356 2134 3340 Fax: 00356 2134 7214
Mobile: 9942 2825

Rapid Services
***Office Supplies, 24 Hour Service***

Candy BOX

*Confectionery*
*Sweet Importer*
*reseller*
*Coffee Shop*
*Liqueur and Drinks*

*Paper Supplies*
*Toners*
*Computer Consumables*
*Office Supplies*
*Photocopy*

# Borg's Victory Store

**Props:** *Charles & Alfred Borg*

**General Groceries**

20, Triq Dun Karm Psaila,
Sliema - SLM 09

Tel: 21334143

| Titlu | Awtur | Traduzzjoni jew Adattament | Data |
|---|---|---|---|
| | | | **1984** |
| ***Żjara minn Spettur*** | *J.B. Priestly* | *Charles Attard* | *Frar 25/26* |
| ***Tnejn F'Wieħed*** | *Vernon Sylvaine* | *Frank Ganado* | *Mar. 17/18* |
| ***Il-Kerrejja*** | *Ġużè Chetcuti* | | *Apr. 14/15* |
| ***Iz-Zokkor Irid Ikun Abjad*** | *Frank Ganado* | | *Nov. 17/18* |
| ***L-Iskandlu tar-Raħal*** | *Dario Nicodemi* | *Joe Fenech* | *Diċ. 15/16* |
| | | | **1985** |
| ***Il-Miżewweġ Jgħir u L-Għażeb Jiżżiħajr*** | *Charles Izzo* | | *Frar 23/24* |
| ***Tiftakarha n-Nanna Tbaħħar?*** | *Peppino De Filippo* | *Charles Bisazza* | *Apr. 20/21* |
| ***Dik l-Imbierka Zija*** | *Brandon Thomas* | *Paul Vella* | *Nov. 9/10* |
| ***Missier l-Għarusa*** | *Franco Roberti* | *Charles Izzo* | *Diċ. 7/8* |
| | | | **1986** |
| ***Apuntament Ta' Mħabba*** | *Aldo De Benedetti* | *Charles Attard* | *Frar 8/9* |
| ***Il-Ġuri tas-Soru*** | *Charlotte Hastings* | *Lena Ganado* | *Mar. 22/23* |
| ***Aħjar li kont Mejjet*** | *Aldo De Benedetti* | *Charles Attard* | *Mejju 5* |
| ***Hekk Hu Jekk Jidhirlek Hekk*** | *Luigi Pirandello* | *Nini Fleri Soler* | *Nov. 8/9* |
| ***Il-Milied Fid-Dar Cupiello*** | *Edoardo De Filippo* | *Mario Vella* | *Diċ. 6/7* |
| | | | **1987** |
| ***Il-Marid Taparsi*** | *J.B. Moliére* | *Joe Bonello* | *Frar 14/15* |
| ***Missier l-Għarusa ... f'Jum it-Tieġ*** | *Carm Galea* | | *Mar. 14/15* |
| ***Xi ħlew!*** | *Frank Ganado* | | *Apr. 11/12* |
| ***Il-Kandidat*** | *C. Ciantar* | | *Nov. 14/15* |
| ***Id-Dar Imwarba*** | | *Lena Ganado* | *Diċ. 5/6* |
| | | | **1988** |
| ***Ħofra u Ftit Siment*** | *Alec Coppel* | *Maria Vella* | *Frar 27/28* |
| ***Don Bosco it-Tifel*** | | | *Mar. 5/6* |
| ***Li Ħolom*** | *Lino Ferris* | | *Apr. 16/17* |
| ***Liema Waħda?*** | *Jack Popplewell* | *Frank Ganado* | *Nov. 12/13* |

**BENEFIT**
**Shoe Store**

Gents & Ladies Shoes
& Leather Bags

52, St. John Street, Valletta
Tel: 2122 2668

36, Melita Street, Valletta
Tel: 2122 5083

13, Old Treasury Street, Valletta
Fax: 2124 3781






EXPRESS
TAPATIA ét PIZZERIA

Dingli Street, Dingli Circus
Sliema
Tel: 2133 2480

"Go on, taste the difference..."

LaCubana



Birkirkara Road, St Julians.
Tel: 2138 9359 9949 6339

Open Monday to Sunday 18:00 till late

The naughty bar!!

| Titlu | Awtur | Traduzzjoni jew Adattament | Data |
| --- | --- | --- | --- |
| | | | **1994** |
| **Il-Qattiel Għomru Qasir** | *Tonio Vassallo* | | *Nov. 12/13* |
| | | | **1995** |
| **It-Tliet Anġli** | | *Frank Ganado* | *Frar 18/19* |
| **Il-Burraxka** | *Nikol Biancardi* | *Charles Izzo* | *April 29/30* |

**NOTA: Wara l-attività ta' Jum l-Oratorju fis-7 ta' Ġunju 1995 it-Teatru għalaq għall-manutenzjoni u tisbiħ u reġà fetaħ is-Sibt 29 ta' Jannar 2000. Minn dak iż-żmien ittellgħu aktar attivitajiet ta' l-Atturi Salesjani.**

| Titlu | Awtur | Traduzzjoni jew Adattament | Data |
| --- | --- | --- | --- |
| | | | **2000** |
| **Napli Miljunarja** | *Edoardo De Filippo* | *Louis Azzopardi* | *April 8/9* |
| **Il-Mara Ideali** | *Sam Delceppo* | | *Diċ. 2/3* |
| | | | **2001** |
| **Tlieta mill-ajru** | | *Tonio Vassallo* | *Frar 3/4* |
| **Meta jintefà d-Dawl** | *Lino Grech* | | *Mar. 24/25* |
| **Filomena Marturano** | *Edoardo de Filippo* | *Louis Azzopardi* | *April 28/29* |
| **Tereża** | *Frank Ganado* | | *Ott. 20/21* |
| **Żbalji u Muttetti, Reċti u Difetti** | *Tonio Vassallo* | | *Dec 15/16* |
| | | | **2002** |
| **Il-Kerrejja** | *Ġuże' Chetcuti* | | *Frar 9/10* |
| **Ta' Taħt Fuq** | *Tonio Vassallo* | | *Mar. 16/17* |
| **Il-Ħanut tal-Kafe'** | *Carlo Goldoni* | *Paul Vella* | *Apr. 27/28* |
| **Diżgwid Garantit** | *Tonio Vassallo* | | *Oct. 19/20* |
| **Il-Ħotba tal-Kappillan** | *John Schembri* | | *Nov. 23/24* |
| | | | **2003** |
| **Imbagħad ma' Baqa' Ħadd** | *Agatha Christie* | *Tonio Vassallo* | *Frar 1/2* |
| **Il-Familja** | *Edoardo De Filippo* | *Louis Azzopardi* | *Mar. 29/30* |
| **Divorzju bi Prova** | *Lino Grech* | | *Apr. 26/27* |
| **Chitty Chitty** | *Tonio Vassallo* | | *Oct. 18/19* |
| **Fejn Marru l-Ulied** | *Lino Ferris* | | *Nov. 22/23*<br>*Nov. 29/30* |

the Movie Mall

155, Shop 3
Rodolphe Street
Sliema

Tel: 21310874
the_movie_mall@onvol.net

## Your One Stop Shop For :

- ☆ Best Prices On Mobile Phones
- ☆ Hi-Fi Equipment
- ☆ DVD Rentals
- ☆ DVD Players

& Much More

**Rental Rates @**

45c New Relases for 2 days
25c Old Relases for 7 Days



# Is-Sehem Tas-Salesjani Fit-Teatru Malti

Id-diskorsi teatrali jesprimu dak kollu li jkunu qegħdin iġarrbu l-karattri u jindikaw xi mġiba jridu jaddottaw dawn il-karattri fix-xibka ta' relazzjonijiet li jkollhom ma' xulxin. Ma' dan inżidu li t-teatru huwa frott ta' ħidma intellettwali li tqis skopijiet kulturali fil-mixja ta' nazzjon, għax bħala mezz ta' komunikazzjoni jsaħħah attitudnijiet u jippromwovi oħra ġodda it-tiswir ta' identita'. U għax it-teatru għandu skopijiet kulturali u kapaċi juri l-mentalita' tan-nies kif magħguna maż-żmien, it-talent lokali għandu jitħeġġeġ kontinwament u mhux jixxekkel. Ikun tradiment kulturali meta xi ħadd ixekkel lill-awtur Malti u jagħlaqlu l-bieb tat-teatru biex xogħlu jitwarrab minn fuq il-palk.

Bħala arti naħsbu li d-drama tnisslet mill-istint naturali li l-bniedem għandu biex jimita xi aspetti tal-ħajja vera, l-aktar dawk l-aspetti marbutin mar-ritwali li jinvolvu l-għana, iż-żfin u t-tlibbis tal-maskri għal skopijiet ta' imitazzjoni u ħabi ta' identita'. Hemm rabtiet ewlenin mal-folklor u d-drawwiet reliġjużi, u jidher li d-drama taf l-oriġini tagħha minn aktar minn rit wieħed.

Mat-tgerbiba taż-żmien it-teatru baqa' jimita l-ħajja imma baqa' jitqies dejjem bħala arti. Is-sentimenti u l-għemejjel umani kellhom jixbħu 'l dawk veri sakemm jippermettu l-kundizzjonijiet tat-teatru. Maż-żmien ukoll insibu distinzjoni bejn it-teatru għad-divertiment biss u t-teatru li jwassal għarfien fil-ħajja waqt li jesponi l-problemi tal-ħajja. Dan ta' l-aħħar, jiġifieri t-teatru li għandu għan serju, x'aktarx li akkwista prestiġu aktar mill-ieħor f'għajnejn is-soċjeta' għax it-teatru serju huwa impressiv ħafna meta hemm imħuh maturi. Imma tajjeb inżommu f'moħħna li t-teatru tal-gost huwa drammatiku wkoll, u ż-żewġ

*ikompli...*

| ***Titlu*** | ***Awtur*** | ***Traduzzjoni jew Adattament*** | **Data** |
| --- | --- | --- | --- |
| | | | **2004** |
| ***Fra Zaren is-salib tal-Kappillan*** | *John Schembri* | | *Frar. 21/22* |
| ***Ix-Xewwiex minn Nazaret*** | *John Drinkwater* | *Louis Azzopardi* | *Mar. 27/28* |
| ***The Mousetrap*** | *Agatha Christie* | *Miriam Cassar* | *Apr. 24/25* |
| ***Is-Sibt, il-Hadd u t-Tnejn*** | *Edoardo De Filippo* | *Louis Azzopardi* | *Nov. 6/7* |
| | | | **2005** |
| ***Kul Par Ghal Paru*** | *L. du Gard Peach* | *Charles Attard* | *Jan. 29/30* |
| ***Serq jew Qerq*** | *Peter Coke* | *M. u V. Castillo* | *Frar 26/27* |
| ***Il-Hadd Fuq il-Bejt*** | *Francis Ebejer* | | *Apr. 23/24* |
| ***Musicality*** | *Edwina Farrugia* | | *Ott. 29/30* |
| ***Mistieden Mhux Mistenni*** | *Agatha Christie* | *Nadia Polidano* | *Diċ. 3/4* |
| | | | **2006** |
| ***Moħba F'irkant*** | *Aldo de Benedetti* | *Joe Fenech* | *Jan. 29/30* |
| ***Min Qatel lil Ġanni?*** | *Lino Grech* | | *Frar 25/26* |
| ***Bukkett Fjuri Għal Matilde*** | *John Schembri* | | *Mar. 25/26* |
| ***Kienu Kollha Wliedi*** | *Arthur Miller* | *Tony Cassar Darien* | *Apr. 29/30* |

# ĦDIK L-IMB

***Jieħdu sehem:***

| | |
|---|---|
| Col. Sir Francis Chesney | **Hector Borg** |
| Stephen Spettigue | **John Schembri** |
| Jack Chesney | **James Spiteri** |
| Charles Wykeham | **Jeremy Spiteri** |
| Lord Fancount Babberley | **Matthew Alfino** |
| Donna Lucia d'Alvadorez | **Rina Camilleri** |
| Kitty Verdun | **Danielle Cuschieri** |
| Amy Spettigue | **Nadine Borg** |
| Ella Delahay | **Jeanine Balzan Engerer** |
| Brassett | **Paul Vella** |

---

| | |
|---|---|
| L-ewwel Att: | **Filghodu fil-kamra ta' Jack Chesney gewwa l-Universita** |
| It-tieni att: | **Wara nofs-inhar fil-gonna hdejn il-kamra ta' Jack** |
| It-tielet att: | **Filghaxija fis-salott tad-dar ta' Stephen Spettigue** |

# BIERKA ZIJA

| | |
|---|---|
| **Assistenta tad-Direzzjoni** | Nadine Borg |
| **Assistenti tal-Produzzjoni** | Carlo Forte, Pearl Marie Vella u Mario Fava |
| **Bini tax-Xena** | Michael Camilleri, Alfred Briffa, Lino Ferris, Carlo Forte, Henry Micallef, u John Frendo |
| **Dwal** | Henry Micallef |
| **Audio** | Andrew Fiorini Lowell |
| **Reklami** | Yvonne Frendo u Alfred Briffa |
| **Irtokk** | Mariel Sacco |
| **Kostumi** | Carmen Micallef u Rina Camilleri |
| **Video Recording** | Martin Scicluna (Photocity) |
| **Fotografu Uffiċjali** | Francis Micallef (Photocity) |
| **Booking Officers** | Fr Joe Forte sdb u Noel Camilleri |
| **Ħajr** | Vigo Menswear, 68/69 South Street, Valletta |

## *Direzzjoni - Paul De Bono*

## *IL-KUMITAT TA' L-ATTURI SALESJANI*

| | |
|---|---|
| **THEATRE MANAGER** | Fr. Joseph Forte sdb |
| **CHAIRMAN** | Paul De Bono |
| **SEGRETARJU** | Carlo Forte |
| **TEŻORIER** | Alfred Briffa |
| **PRO** | Tonio Vassallo |
| **MEMBRI** | Matthew Alfino, Nadine Borg, Stefan Ellul, Edwina Farrugia u Henry Micallef |

# DIK L-IMBIERKA ZIJA

L-awtur tal-kummiedja tal-lum, Brandon Thomas (1865 – 1914) kiteb Charlie's Aunt fl-1892. Din tant saret popolari li kulħadd nesa il-kitbiet l-oħra kollha tiegħu. Sa dawn iż-żmienijiet din il-kummiedja għadha ħajja u tintwera f'teatri madwar id-dinja kollha. Kien hemm żmien meta kienet qegħda ssir fi 48 teatru u fi 22 lingwa differenti fl-istess żmien.

Din hija t-tielet darba li l-Atturi Salesjani qegħdin jippreżentaw din il-kummiedja popolari, id-drabi l-oħra kienu fil-ħamsinijiet kif ukoll fit-tmeninijiet, dejjem b'suċċess kbir.

Il-plot ta' din il-kummiedja jseħħ ġewwa Universita Ingliża fejn iż-żewġ ġuvintur Charlie Wykeham u Jack Chesney ikunu jixtiequ jagħtu mħabbithom lit-tfajliet Amy Spettigue u Kitty Verdun biss ikun hemm diversi problemi li jżommuhom milli jagħmlu dan. Iz-zija ta' Charlie, mara sinjura li kienet tgħix fil-Brazil, bagħtet tgħid lil Charlie li tixtieq tarah għall-ewwel darba u li kienet ġejja f'ġurnata partikulari. Dawn jieħdu r-ruħ għax bis-saħħa ta' flusha jkunu jistgħu jsolvu problema serja li kellhom, u għaldaqstant jorganiżżaw ikla fejn jistiednu lil maħbubin tagħhom. Jiġri iżda li ftit qabel ma kellha tasal, iz-zija Donna Lucia D'Alvadorez, tibgħat messaġġ li ma setgħatx tasal kif kellha maħsub. Biex ma jitħassar xejn dawn iż-żewg studenti jitolbu lill-ħabib tagħhom Lord Fancount Babberley biex jippersonifika liz-zija. Dan il-pjan jirnexxi, sakemm tasal iz-zija vera u hawn jibda l-gwaj.

Nawguralkhom lejla ta' divertiment.

Paul De Bono


**F'dan l-istess Teatru l-Atturi Salesjani ser jippreżentaw**

# Alibi

Thriller ta' Agatha Christie
Maqlub ghall-Malti minn Tonio Vassallo
b'direzzjoni tieghu wkoll

**Is-Sibt 27 u l-Ħadd 28 ta' Jannar, 2007**

Il-*booking* jinsab miftuħ billi ċċemplu 9949 1024 jew mill-*booking office* fil-ġimgħa ta' qabel ir-rappreżentazzjonijiet
Ikun hemm *parking* b'xejn fil-ġranet tar-rappreżentazzjoni.

***www.salesiantheatremalta.com***


ENJOY YOUR HEALTH
Make the most of your Health Insurance
Elmo
INSURANCE AGENCY
FREEPHONE
800 73
SEND A BLANK SMS
79233800
LET US CALL YOU
OR E-MAIL US
health@elmogroup.com
Exeter Friendly
Society
Elmo Insurance Agency Ltd.
Abate Rigord Street,
Ta Xbiex, MSD12
Tel: 234 30000, 234 30132
Fax: 2343 0133
Website: www.elmogroup.com
Exeter Friendly Society is authorized and regulated in the UK by the Financial Services Authority. Elmo Insurance Agency is authorized as an Insurance Agent and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

**HYPNOTHERAPY (Clinical)**

For sympathetic, confidential, professional help with Quit Smoking, Weight Loss, Panic Attacks, Stress and Anxiety, Phobias, Exam Nerves, Self Esteem, Sleep Problems, Loss of Loved Ones (grief), Confidence in Public (public speaking), Anger Management, Concentration and Recall, Nail Biting, Sporting Performance Enhancement, Preparation for Surgery, Rapid Healing After Surgery

For consultation please call

C Barlow MAPHP, MHS, EFT
on telephone no.:
21339320/99881165

**SLIEMA STAMP SHOP**

*STAMPS*
*COINS & BANK NOTES*
*POSTCARDS*
*CIGARETTE & TRADE CARDS*
*PHILATELIC ACCESSORIES*

91, Manwel Dimech Street,
Sliema - Malta
Tel: 21342189 • Fax: 21346069
E-mail: sales@sliemastampshop.com.mt
Website: www.sliemastampshop.com.mt

**M.A.J. Morris Stationery Ltd.**

**119, Manwel Dimech Street,**
**Sliema • Tel: 2133 0383**



*The shop with a wide selection of:*
Toys, Cards for all occasions
Attache Cases, Schoolbags
Hardbacks, Paperbacks,
Gift Books & Magazines

**Dan it-Teatru jinkera għal Okkażjonijiet Kulturali**

**Ċemplu lil**
**Fr. Joe Forte sdb**
**9949 1024**




**MUSICALITY** *ġiet ipprezentata nhar is-Sibt 29 u l-Ħadd 30 ta' Ottubru 2005. F'din il-lejla ta' kant u zfin minn musicals popolari ħadu sehem numru kbir ta' żgħażagħ membri ta' l-Atturi Salesjani flimkien mal-kantanti misteidna Ivan u Simone De Battista, Ina Robinich, Dominic Cini, Neville u Romina, Leontine u Debbie Scerri. Direzzjoni kienet ta' Edwina Farrugia.*



# Neil's

il-ħanut ta' Fiona

Gifts for all occasions,
Household Goods,
Bed sheets and Quilts,
Smart and Casual Wear,
and Underwear
Big Sizes Available

270/271 Manwel Dimech Street,
Sliema

# La Lisa

HEALTH & BEAUTY SALON
MONS G DEPIRO STREET
SLIEMA
PHONE: 2134 6763

*Offering personalised attention to your individual needs:*



*facials*
*face & body waxing*
*eyelash/eyebrow tinting*
*basic & deluxe manicure & pedicure*
*make-up for all occasions*
*swedish massage*
*aromatherapy massage*
*body treatments, incl. skin exfoliation & body wraps*
*nutritional advice*

dermalogica THALION EVA GARDEN

# La Ciliegia Catering

*Specialised in Parties, Engagements,*

*Weddings and other occassions*

St. Anthony Street, San Gwann
Mensija Road, San Gwann
Tel: 21374961



***MISTIEDEN MHUX MISTENNI*** *ġiet ippreżentata nhar is-Sibt 3 u l-Ħadd 4 ta' Diċembru 2005. Ħadu sehem Nadia Polidano, Andre' Cammilleri, Marie Grixti, Matthew Alfino, Rina Camilleri, Jesmond Kris Bugeja, Alfred Briffa, Tonio Vassallo u Emmanuel Bonavia. Direzzjoni kienet ta' Joe Camilleri.*



# SOTTO E SOPRA

Unisex
Underwear
Nightwear




*We also give*
*Beading*
*Courses*

Costume
Jewellery
Scarves
Bags & Belts

***141 Rudolph Street, Sliema***

***Tel: 7945 2979***

## Sliema Plumbing & Bathroom Centre

prop. Jesmond Azzopardi
Wholesale & Retail
Stockists for:
Ceramic Wall & Floor-Tiles
Bathroom Suites,
Plumbing &
Electrical Goods

**57a, 57, 13, Falzon Str, Sliema**
**Tel: 2132 2193 • Mob: 9949 9109**

## save money

**Your one Stop Shop**
*for your*
**everyday needs**

**X-Zone**
**DETERGENT SHOP**

**ONCE YOU GO YOU CAN'T STOP**

Sliema Road, Gzira
Tel: 2131 7098
Mob: 9945 1763 - 9946 8152

Opening hours:
Mon - Fri: 7:30a.m. - 7:00p.m.
Sat: 7:30a.m. - 1:00p.m.



***MOĦBA F'IRKANT*** *ġiet ippreżentata nhar is-Sibt 28 u l-Ħadd 29 ta' Jannar 2006. Ħadu sehem Claudia Azzopardi Frendo, Justin Vassallo, Nadia Polidano, Emmanuel Bonavia, John Frendo, Tonio Vassallo, Martin Zammit, Paul De Bono, Michael Camilleri, Yvonne Frendo, Alfred Briffa, Anne Marie Grech, James Busuttil, Rose Briffa, Lindsy Piccinino, Josette Camilleri, John Schembri u David Bonnici. Direzzjoni kienet ta' Romina Scicluna*



għamliet influwenzaw lil xulxin, tant huwa hekk li fit-teatru serju nsibu elementi ta' divertiment u fit-teatru l-ieħor (pereżempju fil-fares) spiss niltaqgħu ma' xi tagħlima. It-tlaqqigħ taż-żewg għamliet sar popolari wkoll u t-teatru beda jagħti gost biex jgħallem.

It-teatru b'motivi reliġjuzi inxtered fil-bliet u l-irħula kollha ta' Malta. Il-promoturi ewlenin li stutturaw dan it-tip ta' teatru fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu s-Salesjani, li waslu Malta fl-1904. Wieħed mill-pijunieri Maltin li emmen fit-teatru reliġjo-edukattiv organiżżat kien Alfons Maria Galea (1861-1941).

Bit-twaqqief tal-Juventutis Domus f'Tas-Sliema u l-ftuħ tat-teatru fl-1908, Galea "ried joħloq għajn ta' tagħlim għall-edukazzjoni tat-tfal u z-zgħazagħ". Għall-apertura uffiċjali tat-teatru (li mbagħad baqa' magħruf, anki sal-lum, bħala t-Teatru tas-Salesjani) f'Malta kien wasal Dun Rua, l-ewwel suċċessur ta' Dun Bosco, il-pijunier li kien jemmen bis-sħiħ "fir-rivelazzjoni tat-tfal permezz tal-logħob teatrali" u dik li hu kien isejħilha "l-pedagogija ta' l-espressjoni". Alfons Maria Galea mexa fuq il-ħsieb li "t-teatru hu għajn ta' tagħlim u mill-istamperija tas-Salesjani stess, beda jippubblika serje ta' drammi zgħar bħala parti mill-kullana popolari tiegħu, Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien. Galea bbaża wkoll fuq it-teoriji konvenzjonali ta' żmienu, fosthom dawk ta' Cesare Cantu' dwar il-liċenzja tat-teatru "biex jikxef il-bluhat kollha tal-bniedem bla ħadd jista' jeħodha miegħu".

Bħala koordinatur teatrali s-Salesjani kienu appuntaw lil Dun Urso, saċerdot b'xeħta kożmopolitana li jidher li mar lil hinn mill-objettiv tat-teatru pedagogiku: meta Urso beda jinvolvi lix-xebbiet u n-nisa tal-komunita', ikkarga l-għajdut u ntbagħat lura lejn Sqallija. Warajh wasal Dun Vincenzo Allegra li fforma l-kumpanija San Ginesio, il-protettur ta' l-atturi tal-palk. Fis-snin sebgħin din il-kumpanija bidlet isimha għal dak li għandha llum, Atturi Salesjani.

It-teatru tas-Salesjani maż-żmien issaħħaħ, infiltra sew fil-komunita' u l-esperiment bikri ta' Dun Urso kien vindikat, filwaqt li kien stabbilit repertorju sekulari li ġibed pubbliku numeruż. Is-Salesjani wessgħu il-programm tad-divertiment biex sas-snin ta' wara t-Tieni Gwerra beda jinkludi kunċerti orkestrali, spettakli tal-kant popolari u kunċerti liriċi.

*ikompli...*



*Silta mid-dramm* Fabiola *meta ġie ppreżentat mill-atturi tagħna f'dan it-Teatru f'April 1946. Dan kien żmien meta l-atturi kienu jkunu rġiel biss u għalhekk il-partijiet ta' nisa kienu jsiru minnhom ukoll. Dan huwa ritratt tipiku. Mix-xellug: Anthony Spiteri, Lino La Rosa u Joe Busuttil*



***MIN QATEL LIL ĠANNI?*** *ġiet ippreżentata nhar is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Frar 2006. Ħadu sehem Ronnie Schembri, Simone De Battista, Manuel Cutajar, Matthew Alfino, Silvio Catania, Rita Camilleri, Josette Sacco, Jesmond Kris Bugeja, Joe Camilleri, Alfred Briffa u Louis Gatt.*
*Direzzjoni kienet ta' Ivan De Battista.*













w w w . d o n e o . c o m . m t

video, sound, light and more...

doneo

BOSE marantz PHILIPS SIM2 Multimedia NEC LUTRON

Visit our showroom at Parklane Buildings, Mountbatten Street, Hamrun • Tel : 21 230 741 • info@doneo.com.mt



**_KIENU KOLLA WLIEDI_** *ġiet ippreżentata nhar is-Sibt 29 u l-Ħadd 30 ta' April 2006. Ħadu sehem Lino Ferris, Rita Camilleri, Ivan De Battista, Romina Scicluna, Joe Camilleri, Paul De Bono, Yvonne Frendo, Stephen Micallef, Claudia Azzopardi Frendo, Luca u Karl Pirotta. Direzzjoni kienet ta' Anna Ferris.*



# tiffranka dot com

*Jekk wasalt biex tixtri Computer...*

*...ħu ħsieb li tiffranka!!*

Computer Systems
Digital Cameras
Laptops
Printers
Formatting
Repairs
Upgrades



**7928 8487**

www.tiffranka.com
info@tiffranka.com

154, St. Sebastian str.
Qormi





***BUKKETT FJURI GĦAL MATILDE*** *ġiet ipprezentata nhar is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Marzu 2006. Ħadu sehem Emmanuel Bonavia, David Bonnici, Mary Rose Bonnici, Alfred Briffa, Margaret Buhagiar, Fr Eric Cachia sdb, Josette Camilleri, Edwina Farrugia u John Schembri. Direzzjoni kienet ta' Tonio Vassallo.*



Fl-1933 kien ġie lura Malta minn Sqallija Bro Carmelo Galea (1890-1973) flimkien ma' Dun Scravaglieri. Bro Galea (magħruf aktar bħala s-Sur Galea) kien jittraduċi ħafna produzzjonijiet. L-oriġinalita' u kreativita' li kellu spikkaw ħafna fil-publikazzjoni tiegħu ta' ktieb zgħir b'poeziji Maltin li bihom wera l-perċezzjoni u l-apprezzament tiegħu lejn il-ħajja u l-għaġeb tan-natura. Għalkemm l-għan tiegħu ma kienx perfezzjoni fil-letteratura, ix-xogħolijiet tiegħu kienu kontribuzzjoni xierqa għall-letteratura Maltija u kienu ta' ispirazzjoni għal ħafna nies, imma fuq kollox kienu ta' valur kbir edukattiv. Huwa kiteb għadd kbir ta' drammi, kummiedji, libretti għall-operetti, kanzunetti u makkjetti bil-versi u l-mużika kollox tiegħu. Fiż-żmien meta ċ-ċinema ma kienx għadu jeżisti f'pajjizna, t-Teatru tas-Salesjani f'Tas-Sliema kien magħruf ma Malta kollha għall-produzzjonijiet ta' divertiment li kien joffri, dejjem għax-xogħol siewi ta' Bro Carmelo Galea.

Konnessi mill-qrib mat-teatru tas-Salesjani kien hemm ukoll fost oħrajn nies bħal Manwel Buġeja, Nosi' Ghirlando, Johnny Navarro u Charles Izzo, b'dawn it-tnejn ta' l-aħħar iwaqqfu kumpanija tagħhom (Izzo-Navarro) għal spettakli fit-Teatru Gaiety f'Tas-Sliema. Navarro (1912-1997) kiseb reputazzjoni bhala komiku ta' klassi u ta' statura nazzjonali, fil-waqt li Izzo (1912-1986) ipproduċa xogħol prolifiku oriġinali, orjentat l-aktar fuq tendenzi urbani minbarra li ħalla marka għall-enerġija tiegħu bħala attur f'partijiet bil-Malti, l-Ingliz u t-Taljan.

Sadanittant, is-Salesjani kienu estendew l-attivita' teatrali f'Għawdex, meta fl-1934 ħolqu d-Don Bosco Dramatic Company. Sa l-1947, din il-formazzjoni kienet taħdem f'diversi swali fir-Rabat, sakemm il-komunita' Salesjana bniet oratorju ġdid b'teatru li jesa' udjenza ta' 600 persuna.

Fi ħdan il-komunita' f'Għawdex twaqqfet ukoll kumpanija għat-tfal subien, imnebbħa mill-figura reliġjuza ta' Domenico Savio. Għal ħafna snin, l-attivita' tas-Salesjani b'risq it-teatru formattiv f'Għawdex kienet għal kollox dominanti u dan kien kompatibbli mal-programm soċjo-reliġjuz tal-Knisja fejn jidħol id-divertimnt kontrollat.

*Mehuda mill-pubblikazzjoni 'It-Teatru f'Malta' bil-kortesija ta' Mario Azzopardi u l-Pubblikazzjonijiet Indipendenza - PIN*



*Alfred Pullicino, Salvinu Vella u Bro. Karm Galea sdb waqt waħda mir-rappreżentazzjonijiet li saru f'dan it-Teatru fl-1951*

ATTURI SALESJANI

SLIEMA

PRINTED AT SALESIAN PRESS - SLIEMA